A.L. 77 ta' l-1980

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 92)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 148 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda annessa ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1980.

Jenumera t-Taqsima III ta' l-Iskeda.

2. It-Taqsima III ta' l-Iskeda u l-partita 52 ta' dik it-Taqsima għandhom jiġu numerati mill-ġdid rispettivament Taqsima IV u partita 53.

Jemenda l-Iskeda.

3. Minnufih wara t-Taqsima II ta' l-Iskeda għandha tidħol it-Taqsima III ġdida li ġejja:

"TAQSIMA III

Artikoli 111(5) u 148(2)

Drittijiet li jitħallsu għal Atti Nutarili

52. Għas-sorveljanza u spezzjoni ta' kull att jew testment	£1

In-Nutara għandhom iħallsu dawn id-drittijiet fl-aħħar tax-xhur ta' Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru ta' kull sena, u fl-istess ħin jagħtu lir-Reġistratur tal-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili indikazzjoni tan-numri progressivi ta' l-attijiet għall-perijodu ta' tlett xhur li dwarhom ikun sar il-ħlas.".